# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Dicembru, 2017.**

**Rikors Numru 772/2017**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru**
**Numru 1204/16**
**fl-ismijiet:**

**Fulani Properties Limited**
**(C – 34553)**

**vs**

**Mario Fenech**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-24 t'Awwissu, 2017, li permezz tieghu sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi s-socjeta` sekwestranti hawn intimata intavolat mandate ta' sekwestru kawtelatorju kontra r-rikorrenti odjern fl-ammont ta' €118,000.00, akkordat fiz-17 t'Awwissu, 2016, (ara foll 5);

1.2. Illi l-istess socjeta` intavolat ukoll rikors fl-istess ismijiet, Rikors Numru 1007/2016;

1.3. Illi r-raguni ghal tali procedura kienet rigwardanti *commission* wara t-trasferiment tas-socjeta` *One Fashion Limited*;

1.4. Illi r-rikorrenti odjern sekwestrat kien jahdem bhala office manager ma' Coldwell Banker Paramount Reality;

1.5. Illi r-rikorrenti odjern sekwestrat irrizenja mill-imsemmi inkarigu u informa lis-socjeta` hawn intimata sekwestranti bid-diversi kuntratti li kienu ghadhom pendenti sa dak il-mument, fosthom in-negozjati rigwardanti *One Fashion Limited*, (ara foll 9);

1.6. Illi t-transazzjoni rigwardanti *One Fashion Limited* kienet konkluza wara li r-rikorrenti kien irrezenja mill-imsemmija posizzjoni li hu kien jokkupa;

1.7. Illi *nonostante* dan, is-socjeta` intimata sewestranti tallega li hi dovuta l-commission minghand ir-rikorrenti odjern;

1.8. Illi m'hemm l-ebda prova li tissosstanzja din l-allegazzjoni tas-socjeta` intimata odjerna;

1.9. Illi jirrizulta minflok li r-rikorrenti odjern sekwestrat lanqas biss kien prezenti ghall-ftehim rigwardanti *One Fashion Limited* u ma ippercepixxa xejn mill-istess ftehim, (ara foll 11 sa 19);

1.10. Illi ghalkemm interpellata biex tirrevoka il-mandat ta' sekwestru in dizamina, s-socjeta` hawn intimata baqghet inadempjenti, (ara foll 20);

1.11. Illi dan il-mandat ghalhekk hu frivolu u vessatorju u qed jikkawza danni lin-negozju tar-rikorrenti odjern;

1.12. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex din:

1.12.1. Tirrevoka il-mandat fuq riferit *ai termini* tal-artiklu 836(b) (d) (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.12.2. Tikkundanna lis-socjeta` sekwestranti thallas penali ta' mhux anqas minn €1,164.69 u mhux izjed minn €6,988.12 *ai termini* tal-artiklu 836 (8) tal-Kap 12 *de quo*;

1.12.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` sekwestranti u b'rizerva ghad-danni;

2. Rat id-digriet taghha datat it-28 t'Awwissu, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 23);

3. Rat in-notifika tas-socjeta` hawn intimata bl-istess rikors promotur u bl-avviz ghas-smigh, (ara foll 25);

4. Tirrileva li l-istess socjeta` hawn intimata baqghet fi stat ta' kontumacja;

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata datata l-14 ta' Novembru, 2017, flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata s-6 ta' Dicembru, 2017;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi mid-dokumentazzjoni prodotta mir-rikorrenti odjern jirrizulta sintetikament is-segwenti:

6.1. Illi r-rikorrenti kien ittermina l-ingagg tieghu minn mas-socjeta` *Coldwell Banker Property Reality* qabel ma kien konkluz in-negozju rigwardanti *One Fashion Limited*, (ara foll 9 u 11);

6.2. Illi s-sid ta' *One Fashion Limited* jikkonferma bil-gurament li lanqas biss jaf lir-rikorrenti odjern, (ara foll 15);

6.3. Illi direttur tal-istess *One Fashion Limited* isosstni wkoll li l-istess rikorrenti odjern ma kellu l-ebda involvement fl-istess negozju, (ara foll 18);

Ikkunsidrat:

7.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti odjern ma ipprovax l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement, wara li tat l-opportunita` lis-socjeta` hawn intimata u lir-rikorrenti li jaghmlu is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub fir-rigward;

**DECIDE:**

7.1. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti odjern;

7.2. Tikkonferma l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet fuq indikati, Rikors Numru 1204/2016;

7.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**